# LIS-SUR NIN CREMONA

## GRAMMATKU, POETA, FILOLGU U PROŻATUR

## F'GHELUQ IT-80 SENA MINN TWELIDU

## 27 TA' MEJJU, 1880-1960

*Ta'* Ġużè' Cardona

Għaddew tmenin,

Sur Nin,
Tmenin-il xitwa u sajf gerbu bħal ħolma,
Minn fuq iż-żokk ta' ħajtek kollha ħidma,
U għadek tħaddar bħal ballut felħani,
Rebbieħ, mhux darba, fuq l-irjieħ u n-nixfa.

Għaddew is-snin,

Sur Nin,
Minn mindu ħlejqa, l-għaxqa ta' min nisslek,
Rajt l-ewwel dawl tax-xemx fir-Rabat t'Għawdex.
Erbat ijiem minn tmiem ix-xah'r tal-fjuri.

Hadd dak il-ħin,

Sur Nin,
Ma basar seh'm dil-ħlejqa b'risq ilsienna,
Ilsien bla ħajr u dgħajjef fi twelidek,
Li kber miegħek fuq sisien qawwija,
Għax int sawwart għall-ġieħ ta' l-Art Maltija.

Għoddhom ħamsin,

Sur Nin,
Is-snin mill-kitba fil-"Habbar" bikrija
Li ħeġġek tikteb min kiteb "Susanna";
Minn meta x-xefaq tal-grammatka tberraħ
Bil-qari tal-"Muftieħ", xogħol ta' Vassallo.



Għaddew is-snin,
Sur Nin,
Snin kollha ħidma bla waqfien u ħeġġa
Li rawk issaħħaħ kull qasam ta' Lsienna
Hekk li tissejjaħ Grammatku, Poeta,
Bjografu, Prożatur u Drammaturgu,
Waħda mit-tliet kolonni kbar tal-Malti.

Is-sliem, ir-risq, il-ġid u għomor twil
Nixtieqlek jien mal-għadd kbir tal-Maltin
Il-lum wisq aktar għax għalaqt tmenin;
Xwejjaħ xejn kburi, ħabibi, Sur Nin.
6 ta' Mejju, 1960.

# XBIEHA BIL-KITBA

*Ta'* N. Biancardi

F'IL-BERQA tas-17 ta' Ottubru, 1938, Nikol Biancardi kien xandar tliet sunetti bl-isem: "It-Trijumvirat tal-Malti — Xbihat bil-kitba". Minn dawn is-Sunetti Satiriċi se nisiltu t-tielet wieħed:

Ftit jafu li hu Għawdxi. Imbaċċaċ. Qsajjar.
Grammatku minn l-aħjar. Filologu kbir.
Jaħdem mal-Gvern. Biex jogħla għadu mħajjar.
Habb lil Vassalli; ta' ġrajjietu lsir.

Demmu ftit spont. Xi waħda żgħira jfajjar.
Għall-Malti sewa d-deh'b. Iħobb il-fqir.
*Feda lill-Bdiewa. Weraq mar-riħ tajjar.*
Fil-proża u l-versi lanqas m'hu mill-ħmir.

Ma jafda 'l ħadd. Ibati bir-riħ pruwa.
Il-lum igħaddi bla ma biss isellem;
l-għada jarak; jidħaklek! Tgħid: "Dan huwa? . . ."

Jimxi bil-qabża. M'għandux kwiet ġo ġismu.
Iħares 'l hemm u 'l hawn qabel jitkellem.
Irid ifiehem bil-*X'jgħidulu* u 'l *X'jismu.*